# Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Giovanni Grixti LL.M., LL.D.

**Il-Pulizija**

**vs**

**Rev. Dr. Joseph Bezzina**
**Joseph Debono.**

Seduta tal-lum

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni mibjuba kontra Rev. Dr. Joseph Bezzina u Joseph Debono hawn riprodotta bil-mod segwenti:

Billi intom akkuzati talli f'dawn l-ahhar xhur u cioe minn Ottubru, 1994 permezz ta' pubblikazzjoni tal-ktieb bl-isem "forty more Legends from Gozo' intom tajtu malafama lill-Pawlu Mizzi mill-Mdina, Malta, lill-Frank Mizzi u lill-Anthony Mizzi it-tnejn mill-Fontana, Ghawdex, billi offendejtu l-memorja tal-mejjet huhom Gorg Mizzi billi attirbejtulu imputazzjonijiet specifici li jistghu jwasslu ghall-ingurja, nuqqas ta' reputazzjoni jew li jesponuh ghar-redikolu jew ghal-disprezz tal-pubbliku liema memorja ta' huhom il-kwerelanti iridu jittutelaw skond il-ligi, u dana bi ksur tal-artiklu 11 tal-kap 248 tal-Ligijijet ta' Malta.  Il-kwerelanti qed jitolbu ukoll li fil-

kaz ta' kundanna, il-Qorti joghgobha mutantis mutantis (prezumibilment il-prosekuzzjoni riedet tghid mutatis mutandis) tapplika l-provvedimenti tal-Qrtiklu 20 tal-Att tal-Istampa.

Semghet il-provi bil-gurament u rat it-traskrizzjoni tax-xhieda quddiem il-qorti diversament preseduta;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet liema noti huma ezawrenti, dettaljati u b'argumenti rafforzati b'citar ta' awturi u sentenzi tal-Qrati kemm lokali kif ukoll ta' Qrati barranin;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrati:

Fl-ewwel lok jehtieg ikun identifikat that liema kap tal-ligijiet ta' pajjizna qed ikunu akkuzati l-imputati u dan ghaliex jidher li hemm xi aspettattiva li din il-Qorti tapplika il-provvedimenti tal-Kap 248 jew tal-Kap9 jew it-tnejn flimkien. Fil-kaz in dizamina, il-prosekuzzjoni mhux biss infurmat lill-imputati illi l-akkuza addebitata lilhom hija dik kif tidher fl-artikolu 11 tal-Kap 248 izda rriproduciet ukoll it-test tal-istess provvediment. Din il-Qorti hi tal-fehma illi l-ligi applikabbli hija dik enumerata bhala Kap 248 tal-ligijiet ta' Malta u cioe l-Att XL tal-1974 kif vigenti qabel l-emendi tal-1996 u riferibilment l-artikolu 11 tal-istess Kap kif vigenti fid-data tal-allegat reat peress illi fl-1996 sar tibdil f'dan l-artikolu billi tnehha il-massimu tal-multa ta' mitejn lira. Inoltre, l-artikolu 255 u 256 tal-Kap 9 riferibilment ghall-min hu intitolat jaghmel il-kwerela huwa ukoll applikabbli flimkien mad-disposizzjonijiet tal-Kap 248.

Ghalhekk l-imputati iridu iwiegbu ghall-dak li hemm provdut fl-artikolu 11 tal-Kap 248 u xejn izjed bid-difizi peremssi lilhom u imsemmija that l-istess kap.

Il-kwerela li ppromoviet din il-kawza saret minn hut il-mejjet Gorg Mizzi u dan wara l-publikazzjoni tal-ktejjeb intitolat **Forty More Legends From Gozo – Stories of**

**Bygone Times** minn Joseph Bezzina ISBN 99909-57-03-7. Dan il-ktejjeb kien publikat fl-1994 u stampat minn J. de Bono Printing Press, Nadur u dak li ta' lok ghal-din il-kwerela kien ir-rakkont numru 17 li jinsab a fol 23 tal-istess ktejjeb bl-**intestar The robbery of the Archangel's wings** (esebit). Dan ir-rakkont jghid hekk:

> **In the town of Rabat the people are divided into two factions, each with its own parish church and philharmonic society. The healthy rivalry between the two factions has led to the organization of hestas on a really grand scale. Some festas were organized alternately by the two societies every other year. One of these was that of Saint Michael the Archangel on 29 Serptember, when a beautiful staue of the Archangel sculpted in wood by Xandru Farrugia in 1838, was taken rount in a very popular procession from the parish church of Saint George.**
>
> **In 1954, it was the turn of the the *Il Leone* society to celebrate the feast, but due to a host of parochial differences, some hot headed persons of the other faction vowed that they would not let the feast to go alond as planned. So on the eve of the feast they hid inside the church and when the sexton closed the church doerrs they proceeded to execute their plan. They climbed onto the plinth of the statue and dislodged the two enormous wings that emerged from the Archangel's back and also removed his shield and flaming sword. The following morning, when the theft was discovered, there was an uproar and the feast with the procession had to be canclled.**
>
> **The story goes that the person who mastermined the theft of the wings was eventually killed with another wing. In Gozo, the word wing, *gewnah*, refers to the organ of flight as well as to the mudguards of a car. The sacrilegious person was hit by a speeding car and died on the spot.**

X'qed jikontendu l-kwerelanti:

Anthony, Pawlu u Frank Mizzi li huma hu l-mejjet Gorg Mizzi, jikkontendu illi dan ir-rakkont jirreferi ghal-istess huhom u li dan jofffendi l-memorja ta' huhom peress illi r-rakkont jirreferi ghall-persuna deskritta bhala "sacrilegious" li kienet serqet il-gwienah tal-istatwa ta' San Mikiel u li bi tpattija kienet mietet kawza ta' incident tat-traffiku. Stante li f'dik l-epoka, u cioe cirka sentejn wara s-serq tal-gwiena, huhom, kien miet kawza ta' incident ta' traffiku, l-kwerelanti jikkontendu lil dak miktub huwa

referenza ghal-huhom aktar u aktar meta hadd aktar ma kien rappurtat mejjet bl-istess kawza f'dawk iz-zminijiet.

L-awtur tal-ktieb u cioe` l-imputat jikkontendi illi huwa semplicement irrakonta il-leggenda kif semghaha hu ta' sitt snin minnghand missieru. Meta kiteb din il-leggenda qatt ma kien sema b'Gorg Mizzi u l-konkluzzjonijiet tal-leggendi ikunu kollha fittizji. Huwa qatt ma semma persuni jew postijiet specifici u jghid illi l-ghidut hu li l-incident tat-traffiku sehh l-Awstralja.

F'dan l-istadju l-Qorti ghandha minnufih titratta dwar l-ewwel element tad-difiza u cioe li l-imputati mhumhiex responsabbli ghaliex ir-rakkont mhux originali izda huwa rakkont ta' ghidut. Dan il-punt kien soggett ta' diversi decizjonijiet tal-Qrati taghna u kif iccita tajjeb id-difensur tal-kwerelanti id-decizzjoni moghtija fl-1 ta' Dicembru 1977 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Onor. Perit Michael Falzon ma hu l-ebda difiza ghall-imputatt li jghid illi huwa ikkwota biss minn artikolu ta' gurnal barrani li kien ilu fic-cirkolazzjoni f'dawn il-gzejjer. Fid-decizzjoni taghha La corte di Cassazione (Sezione Seconda Udienza 2 Marzo 1911) qalet hekk: "La diffamazione puo' sussistere anche se trattisi della riproduzione inegrale o parziale di un documento ufficiale" u dan meta l-qorti kienet qed tezamina dak li jipprovdi l-artikolu 394 tal-kodici penali Taljan. Ghalhekk din il-Qorti ser tghaddi biex tara jekk l-artikolu fih in-niffsu huwiex malafamanti jew le.

Ir-rakkont fil-maggior parti tieghu huwa parti mill-istorja t'Ghawdex kif jidhirlu l-awtur fis-sens illi l-leggenda hija l-ahhar paragrafu tar-rakkont konsistenti f'hames linji fejn l-awtur jiddeskrivi il-mod li bih miet dak li hu jsejjah il-"mastermind" wara s-serqa.

Il-partijiet ghamlu referenza ghall-diversi decizjonijiet tal-Qrati taghna, ta' qrati barranin u diversi awturi fuq din il-materja. Il-Qorti ezaminat dak kollu citat u ghamlet referenza ghal-xogholijiet u decizjonijiet ohra u mhix l-intenzjoni ta' din il-Qorti li tipprova tohloq xi massimi jew testijiet novattivi fuq dak li jista' jew ma jistax jammonta ghall-ingurja. Ma hemm l-ebda dubbju illi dak li l-partijiet qed jistennew minn din il-Qorti huwa decizzjoni, wara ezami oggettiv, dwar jekk l-artikolu in dizamina jammontax ghall-ingurja billi jattribwixxi b'mod dirett jew indirett ghall-

persuna tal-mejjet Gorg Mizzi. Jekk imbaghad l-imputati kienux liberi li jaghmlu dan jew le skond il-ligijiet tal-pajjiz huwa mertu ta' decizzjoni in segwitu ghall-ewwel decide.

In sostenn tal-allegazzjoni taghhom l-kwerelanti resqu diversi xhieda li qalu li malli qraw il-leggenda ma kellhom l-ebda problema jidentifikaw lill-Gorg Mizzi bhala l-persuna li qed jalludi ghaliha l-awtur.

Minn ezami tad-deposizzjonijiet il-Qorti elenkat is-sewgenti divergenzi u/jew somiljanza bejn l-fatti veri u dawk deskritti fil-leggenda.

1. Ir-rakkont jirreferi ghar-rivalita', anzi "healthy revalry", bejn iz-zewg fazzjonijiet u li "some hot headed persons of the other faction vowed that they would not let the feast to go along as planned". Issa fil-verita' Gorg Mizzi kien persuna dedikata ghall-Oratorju Don Bosco u kien koncentrat fuq dan l-Oratorju, fuq it-team tal-futbol u fuq l-Iskawts tal-Oratorju u qatt ma kien midhla tal-Kazin tal-Banda La Stella jew tal-Knisja ta' San Gorg;

2. Gorg Mizzi qatt ma kien suspettat bhala l-persuna responsabbli jew konnessa mat-tehid tal-gwienah. Dwar dan l-akkadut kienet infethet inkjesta izda Gorg Mizzi qatt ma kien interrogat u jirrizulta illi l-pulizija kienet ser tressaq il-Qorti persuna in konnessjoni mal-incident lli ma ghandha l-ebda parentela ma' Gorg Mizzi.

3. Mill-leggenda tista' facilment tiddeduci illi s-serqa kienet sehhet fil-lejl ta' qabel id-29 ta' Settembru 1954. Gorg Mizzi miet fl-1956. Id-dokumenti ezebiti juru li kien hemm fatalitjiet ohra fl-4 ta' Jannar 1962 u fil-25 ta' Mejju 1965 izda l-ebda fatalita' ohra f'dik l-epoka.

4. Gorg Mizzi kien b'xi mod identifikat ma' l-akkadut tal-gwienah ghaliex huh Pawlu kien ra tlett zaghzagh jigru qrib il-knisja fil-lejl meta insterqu dawn il-gwienah u l-accessorji. Dawn it-tlett zaghzagh kienu ammettew mieghu li ghamlu din is-serqa biex il-banda Leone ma tihux sehem fil-festa ta' San Mikiel. Meta sar jaf li persuna ohra kienet ser titressaq il-Qorti, Pawlu Mizzi

ikkonvinca lill-dawn iz-zaghzagh jirritornaw il-gwienah u l-accessorji u bi ftehim mal-Arcipriet Cefai wassal dawn il-hwejjeg magemb ir-residenza tal-Arcipriet u biex ghamel hekk uza il-vann ta' huh Gorg. L-uzu ta' dan il-vann kien ta' bidu ghall-ghajdut li Gorg Mizzi kien involut fil-kaz u sena u nofs wara persuna li kienet qed issuq trakk rat lill-Gorg Mizzi u saqet ghal fuqu;

5. Fix-xhieda tieghu, l-imputat Rev. Bezzina jghid li ma semma l-ebda persuna jew post specifiku u jghid "anzi jghidu li l-incident tat-traffiku sehh l-Awstralja" izda dan ma qalux fir-rakkont tieghu.

6. Ir-rakkont jghid illi "the sacrilegious person was hit by a speeding car and died on the spot". Gorg Mizzi kien intlaqat minn trakk u miet erbat ijiem wara l-isptar.

7. Il-fatti tas-serq bl-iskop li tithassar il-festa huma veri;

8. L-ghidut li Gorg Mizzi kien involut f'din is-serqa kien beda jinstemagha mil-gurnata tal-funeral tieghu

Dawn il-punti issir jehtieg ikunu meqjusa fil-kuntest sia tac-cokon tal-post fejn sehhet is-serqa kif ukoll tar-rivalita' bejn iz-zewg baned Leone u La Stella. L-imputat Reverendu Bezzina jghid li hu rriproduca l-leggenda kif kien semaghha hu minghand missieru meta kellu biss sitt snin. Jehtieg ghalhekk illi inqieghdu kollox fil-perspettiva tas-sena 1956 meta Gorg Mizzi kien diga b'xi mod msemmi fl-istorja minhabba l-uzu tal-vann tieghu u ma mewtu nibtet il-leggenda li dan intlaqat mill-gewnah (riferibilment ghall-mudguard ta' vettura).

L-imputat jghid illi huwa qatt ma kien sema bl-isem ta' Gorg Mizzi hlief wara l-publikazzjoni tal-ktejjeb. Ir-Reverendu Bezzina huwa arkivista u huwa mgharuf ghal-diversi kitbiet tieghu fosthom dwar l-istorja. Mill-1954 sa meta kien publikat il-ktejjeb fl-1994 kienu ghaddew biss erbghin sena certament ma kien hemm l-ebda xkiel ghal-persuna li taghmel il-verifiki taghha qabel ma tippublika attirbut bhal dak li

hemm fl-ahhar tlett sentenzi ta' l-hekk imsejha leggenda aktar u aktar meta l-awtur huwa persuna imdahhla sew fil-qasam tal-publikazzjoni.

Bil-mod kif inhi miktuba din l-hekk imsejjha leggenda hemm dak li l-awturi jsehulu bhala ness dirett bejn l-fatt attribwit u l-awtur tal-fatt. Hekk allura hemm attibuzzjoni cara illi dak li kien wara is-serq tal-gwienah u accessorji mill-istatwa ta' San Mikiel miet kawza ta' incident tat-traffiku li minn angolu iehor huwa allegazzjoni cara li dak li miet b'din il-kawza kien l-istess wiehed li seraq dawn il-hwejjeg;

Il-Qorti hi tal-fehma illi bi-rakkont tieghu The robbery of the Archangel's wings l-imputat Reverendu Joseph Bezzina huwa hati tar-reat ravvizat fl-artikolu 11 tal-Kap 248 billi ta malafama lill-mejjet Gorg Mizzi fejn ma inkludiex, ghal ragunijiet li jaf hu, l-ghidut li dan il-"mastermind" miet b'incident tat-traffiku fl-Awstralja, haga li naturalment kienet taghti xejra ohra lill-mertu tal-kawza.

Il-Qorti tqis illi din il-ommissjoni hija ta' sinifikat kbir. Ghal dawn il-mottivi ssibu hati.

Dwar l-imputat Debono, jidher illi l-provi kienu kollha koncentrati fuq l-imputat Reverendu Bezzina u ma ngiebet l-ebda prova kontra Debono ghajr il-ktieb inniffsu li jghid: "Printed in Malta by J. de Bono Printing Press, Nadur, Gozo. Fil-kamp kriminali dan mhux bizzejjed ghaliex jehtieg il-prova li l-imputat jiggestixxi din il-printing press. Dan mhux indikat la bhala stampatur, la bhala editur u anqas bhala kl-awtur tal-ktieb u ghalhekk in mankanza ta' provi kontra tieghu ma ssibux hati u tilliberah.

Wara li rat l-artikolu 11 (1) (a) tal-kap 248 kif vigenti fid-data tal-kommessjoni tar-reat.

Tikkundanna lill Rev. Dr. Joseph Bezzina ghal hlas ta' multa ta' mitejn lira Maltin Lm200 tenut kont li l-massimu tal-piena huwa fl-ammont ta' multa ta' mitejn lira Maltin (Lm200) u tordna li din is-sentenza jew sommarju komprensiv taghha tkun publikata jew imxandra ghas-spejjez tal-hati f'gazzetta jew mezz iehor ta' xandir fi zmien hmistax-il jum mil-lum ai termini tal-artikolu 20 (1) tal-Kap 248.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur

**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**Charles Sultana ta' 17-il sena, bin Nazzareno u Carmen nee Sammut li joqghod 81, Triq l-Imqades, Xaghra.**
**I.D. no. 9784(G)**

Illum 6 ta' Gunju 2001.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fis-17 ta' Frar 2001 ghall-habta tal- 11.30p.m. fi Triq l-Arcisqof Pietru Pace, Victoria Ghawdex saq karozza LCB 664 minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u b'hekk ma kienx kopert b'polza ta' assigurazzjoni kontra r-riskji tat-terzi persuni, (2) aktar talli billi kkommetta dan ir-reat sar recediv b'sentenza moghtija mill-Magistrat Giovanni Grixti LL.D. fil-Qrati ta' Ghawdex fid-19 ta' Lulju 2000, (3) aktar talli fl-istess data, hin u post ta falz lill-membri tal-Forzi Armati ta' Malta, ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikularijiet ohra. Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija barra l-piena stabbilita timpedixxi lill-imputat milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghall-perijodu li jidrilha xieraq l-istes Onorabli Qorti.

Semghet l-ammisjoni tal-imputat;

Fuq ammissjoni ssibu hati;

Rat l-artikoli 15 (1) (a) tal-Kap 65, 3 tal-Kap 104, 49 sa 54 u 338 (g) tal-Kap 9;

Bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 37 tal-Kap 9 il-Qorti tnaqqas il-piena b'zewg gradi u fl-istess waqt bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 50 izzid din il-piena mnaqqsa bi grad fl-ammont ta' hamsin lira Maltin (Lm50) li ghalihom l-imputat huwa kkundannat li jhallas.

Oltre dan tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena minn meta jaghlaq it-tmintax il sena.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur

**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**John Azzopardi ta' 45 sena, iben Manuel u Guza xebba Tonna, li joqghod Flat 16, Alfina Flats, Triq Manuel Magro, Marsalforn, Ghawdex.**
**(I.D. No. 254155 M)**

Illum 18 t' April, 2001.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fil-15 ta' Marzu 2001, f'Victoria ghall-habta tas-2:30p.m. u anke f'hinijiet ohra fl-istess gurnata aktar kmieni, ingurja u hedded il-persuna ta' Pauline Camilleri, ufficjal pubbliku fit-taqsima Dipartiment Harsien tal-Familja, sezzjoni Ghawdex, persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku waqt li kienet taghmel jew minhabba li kienet ghamlet dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghha jew li jinfluwixxi fuqha kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, (2) aktar talli ghad li kien xurban qal kliem oxxen fil-pubbliku li jikkonsisti f'dagha, (3) aktar talli f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kien jidher fic-car fis-sakra u waqt li kien f'dan l-istat dejjaq in-nies, (4) fl-ahhar akkuzat ukoll talli ghamel storbju.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-artikolu 383 u 384 tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali.

Semghet il-provi kif ukoll l-ammissjoni ta' l-imputat fuq it-tielet akkuza;

Il-Qorti ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu;

Wara li rat l-artikoli 95 u 338 (bb) (ff) u (dd) tal-Kap 9;

Wara li qieghed il-gravita` ta' l-akkadut;

Tikkundanna lill-imputat ghal perjodu ta' detenzjoni ta' sebat ijiem mill-lum u stante li rrizulta li l-imputat ghandu problema relatata ma' l-alkohol, tirrakkomanda lid-direttur tal-habs sabiex jiehu dawk il-mizuri necessarji ghall-kura ta' l-imputat;

Tobbligah inoltre illi ma jimmolestax lil Pauline Camilleri fuq penali ta' mitt lira Maltija (Lm100) multa fin-nuqqas ghal zmien sena mill-lum skond l-artikolu 383 tal-Kap 9 u tordnalu jgib plegg fl-ammont ta' mitt lira Maltija (Lm100) ghal zmien li jidhirlha l-Qorti minn issa mhux definit u dan ai termini ta' l-artikolu 384 tal-Kap 9.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur

**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Vassallo)**
**- vs -**
**Perit Godfrey Vella Baldacchino li joqghod 30, Victory Street, Qormi, Malta.**

Illum 20 ta' Gunju 2001.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli nhar it-2 ta' Dicembru 1998 ghall-habta ta' 12:40p.m., fl-Gharb, Ghawdex insulenta lil John Agius, Joe Felice, lkoll ufficcjali pubblici fl-Awtorita` ta' l-Ippjanar, persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku waqt li jkunu jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz bil-hsieb li jbezzaghhom u jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz, f'sit fi Triq il-Knisja, Gharb, Ghawdex, kif ukoll ai termini ta' l-artikolu 56 (1) (d) ta' l-Att I ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp talli pprova jfixkel lill-istess ufficcjali ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar fl-ezekuzzjoni tad-dmirijiet taghhom skond il-Ligi.

Il-Qorti hija gentilment mitluba tapplika l-provedimenti kontemplati fl-Artikolu 56 (1) ta' l-Att I ta' l-1992.

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-imputat irrenda ruhu kolpevoli tar-rejat ravvizat fl-artikoli 95 tal-Kap 9 u 56 (1) (d) ta' l-Att I ta' l-1992 meta flimkien ma' zijuh accedew fuq post fejn kien qed isir twaqqih ta' zvilupp in parti illegali, meta l-istess imputat hebb ghal Joe Felice, qallu "Ja korrott, insibek Malta u noqtlok" u kellu jinzamm mill-Pulizija.

Ghal dawn il-mottivi ssibu hati;

Rat l-Artikoli 95 tal-Kap 9 u 56 (1) (d) ta' l-Att I ta' l-1992;

Tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' hames mitt lira Maltin (Lm500).

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur

**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Vassallo)**
**- vs -**
**Charles Attard ta' 52 sena iben Vincent u Maria xebba Mula li joqghod 22, Triq Frangisk Portelli, Gharb, Ghawdex jew Nru 13, Triq Fra Diegu, Marsa, Malta.**
**(Karta ta' l-Identita` Nru 26036 M)**

Illum 20 ta' Gunju 2001.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fit-2 ta' Dicembru 1998 ghall-habta tas-12:40p.m. fl-Gharb, Ghawdex verbalment insulenta u hedded u fizikament ipprova jagredixxi lil Joseph Felice kif ukoll hedded lil John Agius, Karl Xerri, ilkoll ufficcjali ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar, persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li ghamlu dak is-servizz, bil-hsieb li jbezzaghhom jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz, f'sit fi Triq il-Knisja, Gharb, Ghawdex, kif ukoll ai termini ta' l-artikolu 56 (1) (d) ta' l-Att I ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp talli ipprova jfixkel lill-istess ufficcjali ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar fl-ezekuzzjoni tad-dmirijiet taghhom skond il-Ligi.

Il-Qorti hija gentilment mitluba tapplika l-provedimenti kontemplati fl-Artikolu 56 (1) ta' l-Att I ta' l-1992.

Semghet il-provi;

Issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Wara li semghet illi l-Awtorita` ta' l-Ippjanar accediet fuq il-post ta' l-imputat biex twaqqa` zvilupp li in parti kien illegali. L-imputat tela' minn Malta malli sema' b'dan u wara certu aggressivita lejn Joe Felice tant li aggredieh u kellu jinzamm mill-Pulizija.

Rat l-artikoli 95 tal-Kap 9 u 56 (1) (d) ta' l-Att I ta' l-1992;

Tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' hames mitt lira Maltin (Lm500).

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Vassallo)**
**- vs -**
**Joe Felice li joqghod 'Nadia', Triq Sta. Tereza, Zabbar, Malta.**
**(Karta ta' l-Identita` Nru 233341 M)**

Illum 20 ta' Gunju 2001.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli nhar it-2 ta' Dicembru 1998 ghall-habta tas-12:40p.m. waqt li kien f'sit fi Triq il-Knisja, Gharb, Ghawdex hebb ghal Charles Attard mill-Gharb, Ghawdex u kkagunalu griehi hfief skond kif iccertifika Dr J. Cassar M.D. tal-Poliklinika tar-Rabat, Ghawdex.

Semghet il-provi;

Stante li ma tirrizultax ma ssibux hati u tilliberah.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur

**DO NOT DELETE THIS ONE:**

**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**Philip Formosa ta' 43 sena iben Lawrence u Margaret xebba Buttigieg li joqghod 'Buttigieg', Bishop C Palmieri Street, Sannat, Ghawdex.**
**(I.D. No 18677G)**

Illum 1 ta' Novembru 2000.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fit-8 ta' Gunju 2000 ghall-habta ta' l-4:30p.m. u fix-xhur ta' qabel f'garaxx minghajr numru, fi Triq il-Blat, Sannat ezercita sengha jew negozju minghajr licenzja ta' l-awtorita kompetenti meta din il-licenzja hija mehtiega skond il-Ligi jew regolamenti maghmulin minnha. Aktar talli dejjaq il-girien tieghu bi hsejjes u rwejjah.

Semghet il-provi;

Issib lill-imputat hati;

Rat l-artikolu

Tikkundannah ghall-hlas ta' multa hamsa u tletin lira Maltin (Lm35)

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur

**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**Jonathan Fava ta' 18-il sena, iben Fortunato u Doris xebba Mifsud, li joqghod 'Octavius', Triq id-Durell, Sannat, Ghawdex.**
**(I.D. No 206197M)**
**u**
**Charlton Cassar ta' 16-il sena, iben Charlie u Antida xebba Galea, (data tat-twelid 28 ta' Ottubru 1984) li joqghod 'Diamond', Triq is-7 ta' Gunju 1919, Rabat, Ghawdex jew 'Dar ta' l-Oleandro, Triq is-Sienja, Xlendi, Ghawdex.**

Illum 21 ta' Marzu 2001.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati talli fl-20 ta' Dicembru 2000 ghal habta tal-11:00p.m. f'Marsalforn, u f'xi inhawi ohra f'Ghawdex zammew u garrew arma tan-nar (Air Pistol) tal-marka GAMO Nru. 000446, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

F'kaz ta' htija l-Qorti hija mitluba li tordna l-konfiska ta' l-imsemmija arma.

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat illi l-provi f'din il-kawza mhux sufficjenti u din l-Qorti ma tista' tassumi xejn u ghandha toqghod biss fuq il-provi migjuba li kif gia inghad m'humiex sufficjenti.

Ghal dawn il-motivi ma ssibhomx hatja u tilliberahom.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur

**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Vassallo)**
**- vs -**
**Mary Rose Vella Haber ta' 47 sena, mart Michael, bint Lawrence Darmanin u Josephine xebba Bezzina li toqghod 'Il-Bejta', Triq il-Wileg, Qala, Ghawdex.**
**(I.D. 332152 M)**

Illum 7 ta' Marzu 2001.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputata talli nhar id-19 ta' Ottubru 1999 ghall-habta tas-7:35 a.m. fi Triq Papa Gwanni Pius IX, Qala, Ghawdex, (1) saqet vettura Nru MVH 007 b'manjiera traskurata u perikoluza, (2) aktar talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti habtet ma' karozza Nru EAZ 157 u kkagunatilha hsarat b'detriment ghal Marbeck Cremona minn Fontana u anke kkagunatilha feriti ta' natura gravi fuq is-sewwieqa Marbeck Cremona skond kif iccertifika Dr Joseph Rapa M.D. ta' l-Isptar Generali t'Ghawdex, (3) aktar talli kagun ta' l-istess kollizzjoni kkawzat hsarat fuq il-proprjeta` ta' Angela Sancto mill-Qala, Ghawdex;

Semghet ir-rinunzja tal-partijiet;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat illi stante rinunzja tiddikjara l-procediment ezawrit kwantu t-tieni akkuza;

Ikkunsidrat illi dwar it-tielet akkuza, u cioe` l-hsarat subiti minn Angela Sancto, ma ngiebet ebda prova u kwindi tillibera lill-imputata minn din l-akkuza;

Ikkunsidrat din l-ewwel akkuza u cioe` dik ta' sewqan b'manjiera traskurata u perikoluza, illi stante li ma xehed hadd li jista' jitfa` xi dawl fuq ir-responsabilita` kriminali o meno ta' l-imputata, l-Qorti ma tistax biss tesplora dan fuq skizz esebit in atti;

Ghal dawn il-mottivi ma ssibx lill-imputata hatja ta' l-ewwel akkuza fuq nuqqas ta' provi u tilliberaha.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur

**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Bartolo)**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**- vs -**

Illum 21 ta' Lulju 2000.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra ta' 28 sena, bin Ahmed u Mabruka nee' Abdinnebi, imwieled il-Libja fl-1 ta' Frar 1972 u residenti Flat 3, Blue Mar Flats, Triq il-Qbajjar, Marsalforn, talli fis-6 ta' April 2000 u fil-jiem ta' qabel gewwa r-Rabat, Ghawdex kiser kundizzjoni mifhuma ta' kull permess moghti lil xi persuna skond il-paragrafu (b) jew estiz skond il-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 6 u ta' l-Att ta' l-Immigrazzjoni li dik il-persuna ma ghandhiex f'Malta tezertica xi professjoni jew xoghol jew ikollha kariga jew tkun impjegata minn xi persuna ohra minghajr licenzja minghand il-Ministru responsabbli ghall-Immigrazzjoni;

Akkuzat ukoll talli matul dawn l-ahhar gimghat minghajr ma nghata permess ta' residenza nizel l-art jew kien Malta minghajr permess minghand l-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni;

Ghaldaqstant, il-Qorti hija mitluba li minbarra li taghti l-piena skond il-Ligi tiddikjara lill-imsemmija persuna bhal immigrant ipprojbit u tohrog Ordni ta' Tnehhija kontra tieghu skond l-Artikolu 15 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat;

Fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati;

Wara li rat l-Artikoli

(Tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien sitt xhur mill-lum skond l-Artikolu 9 tal-Kap 152.)

Tiddikjarah immigrant projbit u tordna t-tnehhija tieghu minn dawn il-gzejjer b'effett immedjat skond l-artikoli 14 u 15 tal-Kap 217

MAGISTRAT

(ft) Giovanni Grixti

Magistrat

(ft) Eva Buttigieg

Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur

**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**- vs -**
**Mario Spiteri**

Illum 21 ta' Frar 2001.

Il-Qorti;

Rat ir-rikors;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat illi dan l-appell huwa naxxenti minn zewg ilmenti tar-rikorrent. L-ewwel ilment huwa li l-akkuza kif dedotta kontra tieghu ma kellhiex twassal ghas-sejbien ta’ htija tar-rikorrent stante li l-vettura de quo kienet mikrija lill-terzi u ma kienetx uzata minnu fil-hin li l-ufficcjal hareg it-Traffic Offence Ticket. It-tieni lment huwa li l-Kummissarju tal-Gustizzja qatt ma messu mpona l-multa ta’ difiza frivola ghaliex ir-rikorrent talab li jinstemghu l-provi.

Il-Qorti jidrilha illi l-ilmenti tar-rikorrent huma gustifikati. Persuna qatt ma tista’ tinstab hatja li pparkjat f’post ipprojbit meta tista’ turi li l-vettura kienet f’idejn persuna ohra u b’mod partikolari f’kazijiet ta’ karozzi tal-kiri. Il-prezunzjoni li l-vettura hija uzata minn sidha ghandha titlef mill-piz taghha meta persuna tixtieq u fil-fatt iggib prova kontrarja. Inoltre id-dritt ta’ difiza huwa dritt fundamentali u f’dan il-kaz ma jidhirx illi l-invokazzjoni ta’ dan id-dritt sar b’xi mod frivolu.

Ghal dawn il-mottivi tilqa’ t-talba tar-rikorrent u tirrevoka u tvarja s-sentenza appellata billi ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur

**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Vassallo)**

**- vs -**

**John Bezzina**
**198, Triq il-Papa Gwanni Pawlu II, Victoria, Ghawdex**

Illum 16 ta' Gunju 2000.

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ta' l-appell imressaq minn John Bezzina fuq sentenza moghtija mill-Kummissarju tal-Gustizzja apparentement fit-2 ta' Dicembru 1999;

Rat l-atti tar-rikors fejn fil-vera kopja tas-sentenza jinghad hekk:

"Il-Kummissarju;

Ra l-akkuza kontra John Bezzina talli fit-18 ta' Settembru 1999 ghall-habta tal-5:15 p.m. waqt li kien qed isuq il-vettura Nru IAZ-518 fi Triq l-Imgarr, limiti tax-Xewkija, Ghawdex qasam il-linji bojod kontinwi (MVR 88 LN 94/69);

IL-prosekuzzjoni titlob ukoll s-sospenzjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Jikkundannah ghal ammenda ta' ghoxrin lira Maltin (Lm20).

Il-Qorti tilqa' t-talba u tissospendi l-licenzja tas-sewqan ta' l-imputat ghal perjodu ta' gimgha b'effett mit-3 ta' Dicembru 1999 f'nofsinhar.

(ft) Grazio Mercieca
Kumissarju ghall-Gustizzja

(ft) Victoria Sciberras
Skrivana"

Ikkunsidrat illi l-appell odjern kien intavolat minn John Bezzina ghaliex hassu aggravat mis-sentenza in dizamina fejn l-aggravju jikkonsisti f'illi l-Kummissarju tal-Gustizzja ghamel apprezzament hazin tal-fatti prodotti;

Illi wara li ezaminat l-atti din il-Qorti tissolleva *ex-ufficio* in-nullita` tas-sentenza appellata peress illi minn ezami semplici ta' l-original tidher biss ic-cifra ta' "Lm20" u dan minghajr ebda firma ta' hadd, minghajr ebda mottiv mnizzel fis-sentenza. Il-Qorti ma tistax tifhem kif hemm traskrizzjoni Vera Kopja ta' sentenza li ma tezistix. Fi stadju ta' appell, din il-Qorti mhix ser taccetta tlaqliq. Din is-sentenza in dizamina, minghajr aktar kliem u ragunijiet hija bla dubju nulla.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur

**Court of Magistrates (Gozo)**
**Criminal Jurisdiction**

**Magistrate Dr Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**The Police**
**(Insp. Sandro Zarb)**
**- vs -**
**Osy Chijioke Emanuel Nkwocha**

Today the 21st July 2000.

The Court;

Having seen the accusations brought against Osy Chijioke Emanuel Nkwocha aged 22, Nigerian national, son of Luke and Anne born at Enugu on the 3rd December 1977 and holder of passport number C 242415 with having during the past months, without having been granted a residence permit, landed or was in Malta without leave from the Principal Immigration Officer.

Thus the Court is humbly requested that besides awarding the punishment prescribed by law, also declares the mentioned person as a prohibited immigrant and issues a removal order against him in terms of Section 14 of Chapter 217 of the Laws of Malta.

Having heard the evidence under oath;

Finds the accused guilty as charged;

Having seen articles 5, 6, 14 and 15 of Chapter 217 of the Laws of Malta;

Acquits the accused with the condition that he does not commit any other offence within a period of six months from today in terms of article 9 of Chapter 152 of the Laws of Malta;

Declares the accused a prohibited immigrant and orders his immediate removal from these islands in terms of articles 14 and 15 of Chapter 217.

(sgd) Giovanni Grixti
Magistrate

(sgd) Eva Buttigieg
Hall Clerk

True Copy

For Registrar

Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Giovanni Grixti LL.M., LL.D.

Il-Pulizija

Vs

Alfred Aquilina
Kaz Nru 51 tal-udjenza ta' l-24 ta' Awissu 2000

Seduta tal-lum 7 ta' Frar 2001.

Il-Qorti,

Tirrileva illi dan huwa appell min decizzjoni tal-Kummissarju tal-Gustizzja ai termini tal-artikolu 11 tal-Kap 9 li ai termini tal-istess arktikolu hija vestita b'kompetenza ta' Qorti ta' tieni istanza;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imputat li huwa hawn riprodott:

> Illi l-esponenti gie akkuzat mill-Pulizija talli fis-6 ta' April 2000 ippermetta uzu fi Pjazza San Frangisk, Victoria tal-vettura numru BBK-298;
>
> Illi l-esponenti kkontesta din l-akkuza;
>
> **Permezz ta' sentenza moghtija mill-Kummissarju tal-Gustizzja fl-erbgha u ghoxrin ta' Awissu 2000, huwa sab lill-esponenti hati skond l-akkuza u ippenalizzah multa ta' ghaxar liri ghal dak ir-reat flimkien ma' ghaxar liri ohra bhala penali ai termini ta' l-artikolu 10(2) tal-Kap 291 tal-Ligijiet ta' Malta;**
>
> Illi l-esponenti hass ruhu aggravat minn din id-decizzjoni u minnha qieghed jinterponi umili appell ghal quddiem din l-Onorabbli Qorti;
>
> Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma s-segwenti:
>
> L-esponenti huwa wiehed minn numru ta' diretturi tas-socjeta' London Services Limited li topera negozju ta' kiri ta' vetturi. Il-vettura li ghaliha hemm referenza fl-akkuza kienet vettura tal-kiri. Ma ngabet ebda prova li l-appellant kien qieghed personalment isuq l-istess vettura. Anzi jidher li huwa accettat li

f’dak il-mument, din il-vettura kienet mikrija ghand hadd iehor;

Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti f’dan li gej:

Fl-ewwel lok hemm irritwalita’ u konsegwenti nullita’ ta’ dawn il-proceduri. Dan ghaliex id-decizjoni ittiehdet minn tribunal mhux regolarment kompost. Jirrizulta li l-atti ta’ din il-kawza u kawzi ohra mismugha mill-Kummissarju tal-Gustizzja qed jigu pprocessati u jinzammu f’post li ma hux ir-registru stabbilit bil-ligi. L-artikolu 9 tal-Kap 291 tal-Ligijijet ta’ Malta jistabilixxxi li r-registru tal-Qorti tal-Magistrati huwa r-registru tal-Kummissarju u li l-atti tal-Kummissarju ghandhom jinzammu hemmhekk. Ghalkemm il-proceduri quddiem il-Kummissarju tal-Gustizzja gew depenalizzati, huma xorta wahda proceduri gudizzjarji u min-natura taghhom iridu jsegwu certi proceduri sabiex jigi assikurat il-harsien ta’ l-elementi bazici tal-gustizzja. Il-Kummissarju nnifsu m’ghandux jidher bhala serv tal-prosekuzzjoni li l-kapacita’ tieghu jruiha biss f’kemm kapaci jigbor flus lill-ererju pubbliku. Jekk l-atti tal-kawza sew qabel kemm wara mhux ser jinzammu f’idejn persuni indipendenti mill-partijiet, anzi f’idejn f’idejn wahda mill-partijiet, allura x’garanzija jista’ jkun hemm ta’ imparzjalita? X’garanzija jista’ jkun hemm li l-atti qed jinzammu korrettement. Tant huwa minnu li l-esponenti l-inqas biss rnexxilu jikseb kopja legali tas-sentenza mill-Qorti, u inghata biss kopja ta’ l-original tac-citazzjoni bin-notamenti tal-Kummissarju fuqha mill-Kunsill Lokali tax-Xaghra;

Fit-tieni lok l-esponenti qed ukoll jissolleva in-nullita’ tal-proceduri gudizzjarji minhabba nuqqas ta’ parzjalita’ tal-proceduri. Kull min jippartecipa fi proceduri gudizzjarji sew civili kemm kriminali ghandu jedd ghal proceduri imparzjali. Ma ghandux ikun hemm dubbju li l-proceduri quddiem il-Kummissarju tal-Gustizzja jikkostitwixxu proceduri gudizzjarji. Li kien xort’ohra il-Kummissarju tal-Gustizzja ma jkollu xejn mill-gustizzja ghajr l-isem. Dan johrog bl-iktar mod manifest mil-Kap 291 tal-ligijiet ta’ Malta li jirrendu applikabbli ghall-Kummissarju tal-Gustizzja l-istess procedura bhal dik applikabbli ghall-Qorti tal-Magistrati salv fejn jinghad xort’ohra. F’dan ir-rigward huwa importanti li l-esponenti jigi permess igib il-prova dwar kif tigi amministrata l-gustizzja quddiem dak it-tribunal. Difatti anki id-deputat tal-Kummissarju tal-Gustizzja huwa impjegat tal-Kunsill lokali li fl-interess taghhom qed imorru l-pieni inflitti. L-istess deputat ikun akkumpanjat infallibilment minn ufficcjal inkarigat mill-Wardens f’Ghawdex. L-istess rapprezentant mhix l-ewwel okkazzjoni li anke indirizza lis-sedje dwar x’piena ghandha tigi applikata partikolarment bl-insistenza li jekk ma tigix applikata l-penali ser ikollha twiegeb ghaliha. Dan huwa vverbalizzat fl-atti u kemm il-darba dawn jigu misjuba, allura jistghu jigu prodotti bhala prova. Evidentement tali ambjent xejn ma jwasssal la biex issir gustizzja u wisq inqas sabiex il-gustizzja tidher li tkun issir fejn il-gudikant ikollu l-unur biss li huwa rota zghira f’makna kbira sabiex direttament jew indirettament jittiehdu flus minghand ic-cittaddin. L-esponenti jazzarda jirreferi ghal dak dispost fis-subinciz (2) ta’ l-artikolu 40 tal-Kostituzzjoni.

Illi fit-tielet lok hemm in-nullita` tal-proceduri quddiem il-Kummissarju tal-Gustizzja minhabba nkonsistenza fl-applikabilita’ tal-ligi. L-iktar element importanti fit-tifsir u l-applikazzjoni tal-ligi huwa li din tkun cara u konsistenti . Altrimenti ma jaghmilx sens li wiehed jesigi li l-injoranza tal-ligi ma

taghmilx difiza meta l-ligi illum tfisser mod, ghadha tfisser mod iehor u pitghata jerga’

mod iehor. Dan qieghed jinghad mhux biex wiehed jitfa' xi dell fuq xi hadd izda qieghed jinghad ghaliex l-esponenti verament ihoss li dan qieghed iwassal ghal stat ta' anarkija. L-eccezzjoni msemmija fl-aggravju segwenti tqanqlet quddiem il-Kummissarju tal-Gustizzja diversi drabi f'dawn l-ahhar gimghat. Inizjalment il-Kummissarju iddecieda li kien hemm ragun u ddecida favur l-imputat. Minn din id-decizzjoni appellet il-prosekuzzjoni izda din il-Qorti annullat is-sentenza ghal ragunijiet kompletament diversi u cioe` ghaliex din ma nkitbitx bil-formola preskritta. L-istess eccezzjoni tqanqlet waqt is-seduta tal-21 ta' Awissu 2000 fejn din giet verbalizzata u fejn il-Kummissarju iddecieda li dan il-punt kien jimmerita li jigi studjat ahjar u difatti ta lill-prosekuzzjoni zmien sa Ottubru sabiex tressaq is-sottomissjonjiet taghha f'dan ir-rigward. Proprju tlett ijiet wara u cioe` fl-24 ta''Awissu 2000 l-istess Kummissarju tal-Gustizzja ghogbu jaddotta attitudini diversa billi mhux biss cahad dik l-eccezzjoni talli addirittura ghogbu jippenalizza lill-imputat talli qanqal eccezzjoni frivola u vessatorja. L-esponenti ghadu qieghed jipprova jifhem kif jista' wiehed isib raguni fondata fil-ligi u mhux fl-kapricci jew fil-burdati ghal dawk it-tlett modi diversi kif wiehed jitratta l-istess eccezzjoni. Huwa sottomess bil-qima li dan ma hux mod xieraq kif tigi amministrata l-gustizzja.

Fir-raba lok jigi rilevat li l-akkuza hija fis-sens illi l-esponenti ipparkja f'post ipprojbit. Fil-kors tad-dibattiment irrizulta li l-prosekuzzjoni qed tinvoka a favur taghha r-responsabilita' tas-sid ta' vetturi tal-kiri ghall-infrazzjoni li jsiru b'dik il-vettura meta din tkun anke f'idejn terzi. Fid-decizjoni tieghu l-Kummissarju tal-Gustizzja mhux talli ma qal xejn dwar dan il-punt talli irrifjuta li jivverbalizzah u ppenalizza lill-esponenti talli qabal eccezzjoni frivola u vessatorja. Evidentement il-Kummissarju xejn ma fehem jew apprezza d-distinzjoni netta li tezisti bejn li wiehed jipparkja personalment vettura u li wiehed ikun bil-ligi responsabbli ghall-ipparkjar minn hadd iehor. Gialadarba l-esponenti gie akkuzat talli "ippermetta uzu ta' vettura" u mhux talli, bhala sid ta' vettura partikolari kienet minghajr licenzja mwahhla, il-prosekuzzjoni rabtet idejha u sakemm ma tinbidilx l-akkuza trid toqghod ghat-termini taghha u fin-nuqqas ta' prova skond -akkuza kellu jkun hemm liberazzjoni.

Illi fil-hames lok huwa sottomess bil-qima li l-Kummissarju tal-Gustizzja ma jistax jippenalizza lil kull min iqanqal eccezzjoni li ma tirnexxix. Il-penali ulterjuri hija applikabbli biss jekk u meta titqanqal eccezzjoni li tkun frivola u vessatorja u kif jista' jkun li tali eccezzjoni titqies bhala frivola u vessatorja jekk l-istess Kummissarju tal-Gustizzja ftit tax-xhur qabel accetta dik l-eccezzjoni? U kif tista' eccezzjoni tkun frivola u vessatorja jekk l-istess Kummissarju tal-Gustizzja jumejn qabel talab lill-partijiet jaghmlu sottomissjonijiet dwar l-istess punt ghaliex deherlu li dan il-punt kellu jigi mistharreg f'iktar dettal?

Rat is-sentenza appellata li tghid:

Il-Kummissarju:

**Ra c-citazzjoni li permezz taghha l-imputat gie akkuzat talli nhar is-6 ta' April, 2000 ghal-habta tan-12.30 fi Pjazza San Frangisk, Victoria, Ghawdex, permezz tal-vettura BBK 298, ippermetta uzu ta' vettura fit-triq minghajr licenzja mwahhla MVR 28.**

Semgha l-provi mressqa mill-prosekuzzjoni;

L-imputat ma deherx ghalkemm notifikat. Il-Kummissarju, isib lill-imputat hati skond MVR 28 u jikkundannah penali ta' LM10 u Lm10 skond l-Art 10 tal-Kap 291.

Rat illi l-imputat talab is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza ghal-fini ta' dan l-appell;

Semghet l-eccezzjoni tal-appellat kif ukoll ir-replika tal-appellant kif regisitrati fis-seduta quddiem din il-Qorti tad-29 ta' Novembru 2000 bil-mod segwenti:

**Dr. Joseph Ellis bhala Ufficcjal Prosekutur jirreleva l-ewwel nett illi l-assenza ta' l-appellant tippreklludi l-prossegwiment ta' dan l-appell ai termini tal-Kodici Kriminali illi hu appllikabbli ghal dan l-appell permezz ta' l-att dwar il-Kummissarju tal-Gustizzja u ghalhekk l-appell ghandu jigi mjqjus bhala dezert.**

Dr. Michael Grech ghall-appellant jirrileva illi:

1. Dawn huma proceduri illi skond l-gurisprudenza kostanti gew depenalizzati u huma ta' indoli civili;
2. Il-kawza quddiem il-Kummissarju tal-Gustizzja tista' tinstema' anke fl-assenza ta' l-imputat;
3. Ma hemm ebda disposizzjoni li timponi d-dezerzjoni f'kaz li ma jidhirz l-appellant u din il-Qorti ma tistax tapplika l-procedura applikabbli mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali f'appelli minghajr reati kriminali;

Semghet lill-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi f'dan ir-rikors din il-Qorti ghandha quddiemha zewg punti principali ghal-decizjoni u cioe il-mertu u l-talba tal-prosekuzzjoni ghad-deserzjoni tal-appell stante li l-appellant ma deherx meta msejjah. Il-mertu, f'dan l-istadju mhux ser ikun konsiderat ghaliex jehtieg qabel xejn li din il-Qorti tiddisponi mit-talba tal-prosekuzzjoni.

It-talba tal-prosekuzzjoni hija bazata fuq il-principju li l-appellant ghandu jidher meta hekk imsejjah biex jidher sabiex jitratta r-rikors tieghu altrimenti tiskatta ir-regola tad-deserzjoni normalment applikata fil-Qorti tal-Appell Kriminali. Id-difiza, u l-appelant f'dan il-kaz, isostni illi din ir-regola ma tapplikax quddiem din il-Qorti li mhix Qorti ta' Appell Kriminali u di piu meta l-procedura quddiem il-Kummissarju tal-Gustizzja tista mhux biss issir fl-assenza tas-suggett izda dan jista' sahansitra jinsab hati in absentia.

Fl-iter tal-procedura wara setenenza mill-Kummissarju tal-Gustizzja naraw li l-artikolu 11 tal-Kap 291 jipprovdi hekk:

> 11 (1) Kull persuna li thossha aggravata bid-decizzjoni ta' Kummissarju tista', zimien sitt ijiet tax-xoghol mill-jum li fih tinghata dik id-decizzjoni, taghmel rikors lill-Qorti tal-Magistrati sabiex id-decizzjoni tal-Kummissarju tigi

revokata jew mibdula, u l-imsemmija qorti tkun minn dak il-hin vestita b'gurisdizzjoni li tiddeciedi dwar il-merti tar-rikors;

(2) Sabiex tezercita l-funzjonijiet taghha that dan l-artikolu, il-Qorti tal-Magistrati ghandha tipprocedi skond id-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali.

Minn dan il-Kapitolu 291 ma hemm l-ebda hjiel iehor dwar liema regola ghandha timxi biha l-Qorti tal-Magistrati. Dan ghaliex ir-regola hija gia esposta fil-provvedimenti tal-Kap 9 fejn si tratta tal-appelli senjatament bl-artikolu 422 li jipprovdi hekk:

422 (1) Jekk, fil-jum tas-smigh ta' l-appell, l-appellant ma jidhirx, l-appell tieghu jinghad dezert u s-sentenza appellata tigi esegwita; imma …

Din id-disposizzjoni tinsab taht is-subtitolu 111 tat-Titolu 1 tat-Taqsima II tal-kodici Kriminali li jitratta dwar l-appelli mis-sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati. Fil-provedimenti li jirregolaw il-Qorti tal-Magistrati ma hemm xejn dwar kif din ghandha tirregola ruhha f'kazijijet fejn titrasforma ruhha f'Qorti ta' Appell u dan hu wiehed mill-unici istanzi fejn din il-Qorti ghandha kompetenza ta' appell. Fil-fehma ta' din il-Qorti, id-disposizzjoni tal-ligi hija cara u cioe li l-Qorti tal-Magistrati f'din il-gursidizzjoni ghandha tirregola ruhha skond id-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali u li f'dan il-kaz ma jinsbau imkien hlief fis-subtitolu fuq citat.

Ghal dawn il-mottivi tiddisponi mit-talba tal-prosekuzzjoni u mir-replika tar-rikorrenti billi tilqa' in parte it-talba tal-prosekuzzjoni fis-sens illi id-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali huma applikabbli fil-prosegwiment ta' appell minn sentenza tal-Kummissarju tal-Gustizzja u din il-Qorti ghandha tipprovdi ghan nuqqas tar-rikorrent li jidher meta msejjah skond l-artikolu 422 (1) tal-Kap 9. Irid jinghad izda illi mill-atti processwali u senjatament mill-verbali tal-ewwel dehra quddiem din il-Qorti fid-29 ta' Novembru 2000 jidher biss illi l-appellant ma deherx wara li ssejjah tlett darbiet. Imkien ma hu registrat jekk il-prosekuzzjoni esebietx riferta tal-imputat. Dan ifissier illi din il-Qorti ma tistax tghaddi ghad-digriet ta' dezerzjoni la darba ma hemmx dokumentat in atti li l-appellant kien debitament notifikat u dan ai termini tal-artikolu 421 tal-Kap 9. Ghalhekk tichad il-parti l-ohra tat-talba tal-prosekuzzjoni ghad-dezerzjoni tal-appell.

Ghalhekk il-Qorti thalli dan ir-rikors ghas-smiegh ghal-data li tipprovdi ghaliha seduta stante.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur